

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni****(Il-Każ M.7391 — HUAYU Automotive Systems/KSPG/KS Alutech JV)****Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2014/C 302/05)

1. Fid-29 ta' Awwissu 2014, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹) li permezz tagħha HUAYU Automotive Systems Co., Ltd, ("HASCO", ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina), finalment ikkontrollata minn Shanghai Automotive Industry Corporation (Group) ("SAIC Group", ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina), u KSPG AG, ("KSPG", il-Ġermanja), finalment ikkontrollata minn Rheinmetall AG ("Rheinmetall", il-Ġermanja), jakkwistaw fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdien, il-kontroll konġunt ta' attivitajiet ta' tidwib tal-karozzi ta' KSPG permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-imprizzi kkonċernati huma:

- għal SAIC Group: kumpanija azzjonarja tal-karozzi li l-operazzjonijiet ikkontrollati tagħha jkopru l-katina kollha kemm hi ta' valur tal-industria tal-karozzi inkluż l-iżvilupp, il-manifattura, il-bejgħ u l-loġistika tal-vetturi (karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali) u l-komponenti (magni, kaxex tal-gerijiet, powertrains, xasi, komponenti elettroniċi interni u esterni). Barra minn hekk, SAIC Group joffri servizzi ta' kummerċ u finanzjament relatati mal-vetturi;
- għal Rheinmetall: attiva fis-setturi industrijali għal komponenti tal-karozzi u tagħmir tad-difiża;
- għal KSPG: fornitur tal-ewwel livell globali għall-industria tal-karozzi b'enfasi speċjali fuq il-prodotti u segmenti tal-komponent għall-provvista tal-arja, il-kontroll tal-emissionijiet u pompi, pistuni, blokok tal-magni u bearings lixxi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdien. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjoni skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (²) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden partijiet terzi interessati biex jippreżentaw lilha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (nru tal-faks +32 22964301) jew permezz tal-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7391 — HUAYU Automotive Systems/KSPG/KS Alutech JV, f'dan l-indirizz:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdien”).

(²) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.